FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA; GUDIKATURA KRIMINALI

A.MICALLEF TRIGONA LL.D.,MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 29 TA' SETTEMBRU 2016

Il-Pulizija

(Spett Eliott Magro)

vs

Peter Bonavia

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 0333149 akkuzat talli fl-24 ta' Lulju, 2015, ghal habta tas-7.30pm, gewwa Triq San Gorg, Santa Venera:

1. gieghel animal isofri ugiegh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn u dan bi ksur tal-Artikolu 8(2) tal-Kap 439 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi zamm jew qabel li jzomm animal minghajr ma' kien responsabbli ghat-trattament xieraq taghhom u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(3) tal-Kap 439 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ma hax dawk il-passi ragjenevoli f'kull cirkostanza sabiex jizgura li l-htigijiet ta' animal li kien responsabbli ghalih jew li qabel li jiehu hsiebu, jintlahaq hekk kif mehtieg bi prattici tajba sabiex jigi zgurat s-sahha u l-benessere tal-annimal u dan bi ksur tal-Artikolu 8(3) tal-Kap 439 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament mhux opposta mill-imputat

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Il-kawza hija dwar trattament xieraq ta' animal. Tissanzjona kull minn jikkaguna ugiegh, tbattija jew dwejjaq u/jew lil min ma jiehux dawk il-passi ragjonevoli f'kull cirkostanz sabiex tassikura s-sahha u l-benesseri ta' annimal, fil-kawza odjerna trattasi ta' kelb.

Il fattispecje huma li garr tal-imputat kien irraportah li kien immaltratta l-kelb tieghu billi tah daqqa ta' sieq li iddeskriviha bhala bis-sahha u b'supervja u dan fil-hin meta hu (il-garr) kien bilqeghda fuq l-ghatba tar-residenza tieghu jistenna l-marc jghaddi billi kienet il-festa tar-rahal, igifieri ta' Santa Venera.

Issa, fil-kors ta' dawn il-proceduri xehdu zewg membri tal-"Animal Welfare" li investigaw r-rapport mertu tal-kawza, u lilhom ma rrizultalhom xejn, anzi l-kuntrarju li l-kelb kien mahqur.

Illi l-Qorti, fuq l-istregwa tax-xhieda ta' dawn l-ufficjali, wkoll fuq ix-xhieda ta' l-imputat, ma tistax hlief li tikkonkludi li l-kelb huwa indukrat kif mistenni u mahbub mill-imputat tali mod u manjiera li tista' tghid ma jonqsu xejn.

Bil-kemm ma tistqarr il-Qorti li r-rapport jirrazenta l-fierah u hu maghmul b'certu malvagita.

B'daqstant, li inghad dan, tillibera lill-imputat minn kull htija u piena.

A.M.Trigona

Magistrat